31989L0424

L 196/50 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 12.7.1989

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI

tat-30 ta' Ġunju 1989

li temenda d-Direttiva 86/109/KEE li tillimita l-bejgħ taż-żerriegħa ta' ċertu pjanti ta' l-għalf u taż-żejt u pjanti tal-fibra li ġew uffiċċjalment ċertifikati bħala 'ż-żerriegħa bażika' jew 'żerriegħa ċertifikata'

(89/424/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 66/401/KEE tal-Kunsill ta' l-14 ta'Ġunju 1966 fuq il-bejgħ taż-żerriegħa tal-pjanta ta' l-għalf [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 89/100/KEE [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 69/208/KEE tal-Kunsill tat-30 ta'Ġunju 1969 fuq il-bejgħ taż-żejt u tal-pjanti tal-fibra [3], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 88/380/KEE [4], u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) tagħha,

Billi d-Direttiva 66/401/KEE tippermetti l-bejgħ taż-żerriegħa bażika, żerriegħa ċertifikata u żerriegħa kummerċjali ta' ċerti speċi ta' pjanti ta' l-għalf;

Billi d-Direttiva 69/208/KEE tippermetti l-*marketing* taż-żerriegħa bażika, żerriegħa ċertifikata u żerriegħa kummerċjali ta' ċertu speċi taż-żejt u pjanti tal-fibra;

Billi l-Artikolu 3(3) ta' kull waħda mid-Direttivi msemmija qabel jawtorizzaw il-Kummissjoni biex tipprojbixxi l-*marketing* taż-żerriegħa sakemm din ġiet uffiċċjalment ċertifikata bħala 'żerriegħa bażika' jew 'żerriegħa ċertifikata';

Billi, kif suppost, id-Direttiva tal-Kummissjoni 86/109/KEE [5] tillimita l-*marketing* taż-żerriegħa ta' speċi partikolari ta' pjanti ta' l-għalf u taż-żejt u pjanti tal-fibra li ġew uffiċċjalment ċertifikati bħala ż-'żerriegħa bażika' jew 'żerriegħa ċertifikata';

Billi għal xi whud mill-ispeċi riferuti fid-Direttiva 86/109/KEE din ir-restrizzjoni ta' *marketing* tapplika mill-1 ta' Lulju 1989; billi issa jidher li, għal numru ta' dawn l-ispeċi, Stati Membri ma jkunux f'pożizzjoni, f'dik id-data, li jipproduċu żerriegħa bażika suffiċjenti biex tissodisfa d-domanda għaż-żerriegħa fil-Komunità;

Billi hu għalhekk xieraq li tippostponi l-applikazzjoni ta' din ir-restrizzjoni ta' *marketing* sal-1 ta' Lulju 1990 għall-*brown top, birdsfoot trefoil, black medick* u *alsike clover* u sal-1 ta' Lulju 1991 għall-ispeċi l-oħra konċernati;

Billi ġie wkoll stabbilit, fuq il-bażi ta' l-informazzjoni disponibbli fil-present, li, mill-1 ta' Lulju 1991, l-Istati Membri għandhom ikunu f'pożizzjoni li jipproduċu suffiċjentament żerriegħa bażika u żerriegħa ċertifikata fil-Komunità d-domanda għaż-żerriegħa tar-*rescue grass, Alaska brome-grass, Egyptian clover* u *California bluebell*;

Billi l-miżuri li hemm provduti f'din id-Diretttiva huma b'mod konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti fuq iż-Żrieragħ u l-Materjal Propagat għall-Agrikoltura, Ortikoltura u Forestrija,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Direttiva 86/109/KEE hija hawnhekk emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 2 jiġi mibdul b'dan li ġej:

"*L-Artikolu 2*

L-Istati Membri għandhom jipprovdu li mill-1 ta' Lulju 1989 ma għandux ikunu permess li jpoġġu fis-suq iż-żerriegħa ta':

— *Agrostis gigantea* Roth	— redtop
— *Agrostis stolonifera* L.	— creeping bent grass
— *Phleum bertolonii* DC	— timothy
— *Poa palustris* L.	— swamp meadowgrass
— *Poa trivialis* L.	— rough-stalked meadowgrass
— *Lupinus albus L.*	— *lupin* abjad, varjetajiet oħrajn għajr *bitter*
— *Brassica juncea* (L.) Czernj. et Cosson	— brown mustard

sa kemm ġie ċertifikat uffiċċjalment bħala 'żerriegħa bażika' jew 'żerriegħa ċertifikata'."

[1] ĠU C 125, tal-11.7.1966, p. 2298/66.
[2] ĠU L 38, ta' l-10.2.1989, p. 36.
[3] ĠU L 169, ta' l-10.7.1969, p. 3.
[4] ĠU L 187, tas-16.7.1988, p. 31.
[5] ĠU L 93, tat-8.4.1986, p. 21

2. Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"L-Artikolu 2a

L-Istati Membri għandhom jipprovdu li mill-1 ta' Lulju 1990 ma għandux ikunu permess li jpoġġu fis-suq iż-żerriegħa ta':

— *Agrostis capillaris* L.	— brown top
— *Lotus corniculatus* L.	— birdsfoot trefoil
— *Medicago lupulina* L.	— black medick
— *Trifolium hybridum* L.	— alsike clover

sakemm ġie ċertifikat uffiċċjalment bħala 'żerriegħa bażika' jew 'żerriegħa ċertifikata'."

3. L-Artikolu 3 jiġi mibdul b'dan li ġej:

"L-Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom jipprovdu li mill-1 ta' Lulju 1991 ma għandux ikunu permess li jpoġġu fis-suq iż-żerriegħa ta':

— *Agrostis canina* L.	— velvet bent
— *Alopecurus pratensis* L.	— meadow foxtail
— *Arrhenatherum elatius* (L.) Beauv. ex J. S. et K. B. Presl	— tall oatgrass
— *Bromus catharticus* Vahl	— rescue grass
— *Bromus sitchensis* Trin.	— Alaska brome-grass
— *Festuca ovina* L.	— sheep's fescue
— *Poa nemoralis* L.	— wood meadowgrass
— *Trisetum flavescens* (L.) Beauv.	— golden oatgrass
— *Lupinus albus* L.	— white lupin, bitter varieties
— *Lupinus angustifolius* L.	— blue lupin
— *Lupinus luteus* L.	— yellow lupin
— *Trifolium alexandrium* L.	— Egyptian clover
— *Trifolium incarnatum* L.	— crimson clover
— *Trifolium resupinatum* L.	— Persian clover
— *Vicia sativa* L.	— common vetch
— *Vicia villosa* Roth	— hairy vetch
— *Phacelia tanacetifolia* Benth.	— California bluebell
— *Sinapis alba* L.	— white mustard

sakemm ġie ċertifikat uffiċċjalment bħala 'żerriegħa bażika' jew 'żerriegħa ċertifikata'."

4. Fl-Artikolu 4, wara t-tieni inċiż, l-inċiż li ġej hu mdaħħal:

"— mhux iktar tard mill-1 ta' Lulju 1990 il-liġijiet, regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex iħarsu l-Artikolu 2a, u."

Artikolu 2

Din id-Direttiva hi ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, it-30 ta' Ġunju 1989.

Għall-Kummissjoni

Ray MAC SHARRY

Membru tal-Kummissjoni